



0061/2016

22.6.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar id-disparità bejn is-sessi fil-ħiliet diġitali

Deirdre Clune (PPE), Brian Hayes (PPE), Roberta Metsola (PPE), Merja Kyllönen (GUE/NGL), Gesine Meissner (ALDE), Dieter-Lebrecht Koch (PPE), Werner Kuhn (PPE), Ildikó Gáll-Pelcz (PPE), Andor Deli (PPE), Patricija Šulin (PPE)

Data ta' skadenza: 22.9.2016

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,
dwar id-disparità bejn is-sessi fil-ħiliet digiṭali¹**

1. Filwaqt li miljuni ta' Ewropej jinsabu bla xogħol, il-kumpaniji qegħdin ifittxu professjonisti fl-IT.
2. Huwa stmat li 90 % tal-impjieg dalwaqt sejkun jeħtieġu xi livell ta' ħila digiṭali. Għaldaqstant kull ċittadin sejkollu bżonn xi forma ta' għarfien digiṭali biex ikun jista' jinteraġixxi mas-soċjetà.
3. Skont rapport tal-Kummissjoni, kważi nofs l-Ewropej (47 %) m'għandhomx bieżżejjed ħiliet digiṭali. Bħalissa l-irġiel gradwati fix-xjenza, it-teknoloġija u l-matematika huma d-doppju tan-nisa.
4. Minn hawn u l-2020, disparità fil-ħiliet digiṭali tista' tirriżulta f'bejn 756 000 u 825 000 impjieg vakanti għal ġaddiem fl-ICT. Il-gradwati nisa għandhom nuqqas sproporzjonat ta' ħiliet digiṭali biex jiksbu aċċess għal dawn l-opportunitajiet.
5. Fis-suq tax-xogħol digiṭali, bħalissa n-nisa huma f'pożizzjoni żvantagġġata. Il-Kummissjoni u l-Kunsill huma mistiedna jivvalutaw id-disparità bejn is-sessi fil-ħiliet digiṭali. Għandhom jiġu kkunsidrati inizjattivi li l-ġhan tagħhom ikun li jippromwovu numri akbar ta' gradwati nisa fi programmi STEM.
6. Il-Kummissjoni u l-Kunsill huma wkoll mistiedna jikkunsidraw l-istrateġji attwali tagħhom fid-dawl ta' dawn iċ-ċifri.
7. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta dikjarazzjoni tkun iffirmsata minn magħgoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.